MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Talba Numru. 1080/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited**
**u din ghan-nom u in rappresentanza**
**tas-socjeta' estera CGU Insurance Plc**
**kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat**
**taghha Joseph Debono u l-istess**
**Joseph Debono**

**Vs**

**Philip Aquilina**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm388.81c (tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu) u dana in kwantu ghas-somma tal Lm363.81c (tlett mija u tlieta u sittin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu) lis-socjeta' assikuratrici attrici, u in kwantu ghas-somma ta' Lm25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) lill-attur Joseph Debono,

rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru DBB 194 fis-27 t'April, 2000 gewwa Haz Zabbar habat mal-vettura numru JLD 001 propjeta' ta' Joseph Debono u kkaguna danni f'din l-istess vettura.

Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez, komprisi dawk t'ittra ufficjali datata 15 ta' Marzu, 2001 u tal-parir Lm15.00c (hmistax il-lira Maltin) kontra l-konvenut u t'ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------